MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 1155/2002

**A B f' isimha proprio u bhala kuratrici ad litem**
**ta' uliedha minuri C u D**
**vs**
**E B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewgu fis-16 ta' Settembru 1979, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal; li l-konvenut irrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet impossibbli minhabba adulterju, abbandun, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti tieghu fil-konfront ta' l-attrici, u b' hekk iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment; li l-partijiet gew debitament awtorizzati mill-Onorabbli Sekond Awla tal-Qorti Civili sabiex jipprocedu gudizzjarjament; ghalhekk qed titlob: [1] li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, tort tal-konvenut; [2] li l-konvenut jigi ordnat ihallas manteniment ghaliha u ghal

uliedhom minuri; [3] li tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-dritt li jitlob manteniment minghand l-attrici; [4] li tapplika kontra l-istess konvenut id-dispost, in toto jew in parte, ta’ l-artikolu 48 Kap.16; [5] li tordna x-xoljiment, il-likwidazzjoni u l-assenjzoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, u tinnomina nutar biex jircevi l-att opportun; [6] li tordna lill-konvenut jirrestitwixxi l-beni dotali u/jew parafernali taghha, jew ihallas il-valur taghhom; [7] li tawtorizza lill-attrici tghix fid-dar matrimonjali flimkien ma’ uliedhom, ad eskluzjoni tal-konvenut;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut, filwaqt li ddikjara li huwa jaqbel mat-talba ghas-separazzjoni personali, eccepixxa: [1] li dan hu tort esklussiv ta’ l-attrici li rrendiet ruhha hatja fil-konfront tieghu ta’ abbandun, sevizzji, eccessi, theddid, offizi u ngurji gravi, kif ukoll minhabba nkompatibilita’ ta’ karattru u peress li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment; [2] li hu m’ ghandux ihallas manteniment lill-attrici ghax hi tahdem filwaqt li hu hu dizokkupat, u, li huwa hu li ghandu jircevi manteniment minghand l-attrici, izda jaqbel li ghandu jibqa’ jhallas retta alimentarja mensili ta’ LM30 ghal uliedhom minuri; [3] li ma jezistux l-estremi fil-konfront tieghu ghall-applikazzjoni ta’ l-artikoli 48 u 51 tal-Kap.16; [4] li jaqbel mat-talba relattiva ghax-xoljiment, likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti;  [5] li hu jaqbel mas-sitt talba attrici; [6] li hu jopponi ghas-seba’ talba attrici, u jsostni li d-dar matrimonjali ghandha tinbiegh; [7] li l-kura u kustodja ta’ l-ulied minuri ghandha tkun wahda kongunta bejn il-partijiet;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottoressa Ramona Frendo;

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku Vincent Ciliberti;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, attribwibbli lill-konvenut.

Minn naha tieghu l-konvenut, filwaqt li jaqbel mat-talba ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali, jsostni li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 40 u 41 fuq citati, imputabbli lill-attrici.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fis-16 ta' Settembru 1979, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal li llum huma maggjorenni. F' Gunju 2001 sehh l-ahhar incident li pprecipita s-separazzjoni bejn il-partijiet.

Illi din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet maghmula mill-abbli perit legali, u mal-konkluzjoni taghha kif indikati fis-sezzjoni E tar-relazzjoni taghha ntestata "Analizi tal-Kawza tal-Firda bejn il-Partijiet" fil-pagni 163 sa 171[1], u li din il-Qorti qeda taddotta fl-intier taghhom.

Huwa minnu li mill-provi jirrizulta li kien hemm inkompattibilita' kbira fil-karattru tal-partijiet, u li dawn kellhom fehemiet differenti dwar it-trobbija tat-tfal u l-amministrazzjoni ta' l-assi tal-komunjoni waqt iz-zwieg, tant li l-partijiet stess qablu bejniethom li r-raguni li wasslithom sabiex jisseparaw kienet ghax l-attrici ma riditx tiffirma sabiex il-konvenut jiehu self biex jixtri zewg kjosks. Dan sehh f' Gunju 2001 u kienet l-ahhar tibna li kissret id-dahar tal-gemel.

Il-Qorti taqbel ma' l-osservazzjoni maghmula mill-perit legali li "l-inkompatibilita' ta' karattri tal-partijiet kient wasslet ghal sitwazzjoni ta' skuntentezza bejniethom, u nuqqas ta' kooperazzjoni u hajja komuni b' mod li l-

[1] Vol.3 – fols. 957 sa 966

incident ta’ Gunju 2001, relattiv ghad-dejn li ried jiehu l-konvenut, kien effettivament il-katalist illi wassal iz-zwieg tal-kontendenti sabiex jisfaxxa irrimedjabbilment, b’ mod li ma kienx hemm l-ebda triq ohra ghajr ghas-separazzjoni personali.”[2] Din l-inkompatibilita’ serja ta’ karattri wasslet ghal agir sevizzjuz fil-konfront ta’ xulxin li rrendiet il-konvivenza nsapportabbli.

Il-Qorti taqbel ukoll mal-perit legali fil-konkluzjoni li tiehu d-data ta’ l-ewwel [1] ta’ Lulju 2001 bhala d-data li fiha z-zwieg tkisser irrimedjabbilment. Barra minnhekk l-agir sevizzju fil-konfront ta’ xulxin jimmerita l-applikazzjoni fil-konfront taghhom ta’ l-artikolu 48[1] [a][b] u [c] abbazi ta’ l-artikolu 51 tal-Kap.16. Inoltre, il-fatt li, fiz-zmien vicin is-separazzjoni u fil-mori tal-proceduri, il-konvenut instab hati mill-qrati kriminali ta’ atti ta’ vjolenza fil-konfront ta’ martu, jimmerita l-applikazzjoni fil-konfront tieghu tal-paragrafu [d] ta’ l-imsemmi artikolu 48 [1].

Illi l-Qorti taqbel ukoll ma’ dak kkunsidrat u konkluz mill-perit legali fir-rigward ta’ l-akkuzi ta’ adulterju, abbandun, u eccessi, ingurji u sevizzi, kif rapportat fir-relazzjoni taghha pagni 164 sa 166.[3] Tikkonferma b’ mod partikolari l-konkluzjoni li l-incidenti ta’ vjolenza li sehhew kienu konsegwenza tas-separazzjoni u mhux il-kawza taghha, u li l-kawza kien l-agir sevizzjuz fil-konfront ta’ xulxin tul il-konvivenza, fit-termini ta’ l-artikolu 40 ta’ l-istess kap. L-akkuzi l-ohra, manifestament ma jirrizultawx sostnuti.

**Kura u Kustodja**
Illi dan il-kap jinsab sorvolat stante li l-ulied tal-partijiet illum huma maggjorenni.

**Manteniment**
Illi anke dwar dan il-kap il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet u konkluzjoni tal-perit legali kontenuti fil-pagni 174 sa 179; u senjatament li ma rrizultatx sodisfacentement provata l-allegazzjoni attrici li fil-mori tal-proceduri l-konvenut kien jahdem minghajr ktieb tax-

[2] Vol.3 – fol.964
[3] Vol.3 – fols.958 sa 960

xoghol. L-attrici ma rnexxielhiex telgheb il-prova mressqa, u cioe' dik tar-rapprezentat ta' l-Employment and Training Corporation u tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali.

Jinghad ukoll, fir-rigward tad-dokumenti[4] prezentati, wara r-rapport, mill-attrici fit-13 ta' Frar 2008, li dawn m' ghandhomx id-dati fuqhom, u ghalhekk, tenut kont tan-nota responsiva prezentata mill-konvenut fil-5 ta' Marzu 2008, ma jimmilitawx kontra l-imsemmija konkluzjoni.

Inoltre, l-attrici ghandha mpieg full-time, filwaqt li t-tfal illum huma maggjorenni.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi l-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet u konkluzjoni tal-perit legali kontenut fil-pagni 179 sa 189[5] u li l-Qorti qeda taddotta, salv ghal dak li ser jinghad aktar 'il quddiem, u li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti minnu [Appendici A].

Konformament tordna s-segwenti:
[1] Id-dar matrimonjali bl-isem 'Breathless' Triq il-Helsien, Hal Qormi tinbiegh fuq is-suq hieles fi zmien sena bi prezz konkordat bejn il-partijiet; u fin-nuqqas, tinbiegh bis-subbasta bi prezz mhux inferjuri ghall-valutazzjoni li ghandha ssir mill-Perit AIC Mario Cassar li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop, a spejjez taz-zewg partijiet;  u r-rikavat jiqasam b' mod ugwali bejn il-partijiet.

L-attrici hi awtorizzata li tibqa' tghix fid-dar matrimonjali, ad eskluzjoni tal-konvenut, matul l-imsemmi perijodu ta' sena;  b' mod li gheluq is-sena, hija ghandha tivvaka l-imsemmi fond.

Illi rigward l-oggetti mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali, dawn ghandhom jigu divizi skond il-ftehim li kienu wasslu ghalih il-partijiet, li jinsab esebit a fols.247 u 248 tal-process [Vol.1], u li kopja tieghu qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali minnu

[4] Vol.3 – fol.999 *et seq.*
[5] Vol.3 – fols. 973 sa 983

[Appendici B]. L-attrici ghandha thallas lill-konvenut s-somma ta’ €106 rapprezentanti nofs l-ispejjez inkorsi mill-konvenut ghall-iskrappjar taz-zewg televisions, u tal-licenzja.

[2] Il-vettura Opel Corsa numru PAC 321 qed tigi assenjata lill-konvenut fl-intier taghha, filwaqt li dan ghandu jhallas id-dejn li jista’ jkun hemm fuq il-vettura fil-konfront ta’ ohtu Antoinette B. Huwa wkoll ordnat li jhallas lill-attrici s-somma ta’ elfejn, tlett mija u tletin ewro [€2,330].

[3] Il-vettura Vauxhall – mhuwiex car jekk din fil-fatt kinitx giet skrappjata jew le; izda fil-kaz li din il-vettura ghadha fil-pussess ta’ parti, din ghandha tigi valutata, tinbiegh u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

[4] Id-depoziti bankarji ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet.

[5] Il-kiosk qed jigi assenjat lill-konvenut fl-intier tieghu, li pero’ qed jigi obbligat ihallas id-dejn kollu li hemm fuqu, inkluz il-flus li ssellem minghand ommu.

Rigward il-kompjuter, il-Qorti tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ mija u sittax-il ewro [€116], filwaqt li l-istess kompjuter, bid-dejn li talvolta jista’ jkun hemm fuqu, jigi assenjat lill-konvenut.

[6] Illi d-djun li l-konvenut ghamel ma’ ommu Rosaria B u ma’ ohtu Antoinette B ghandhom jithallsu fl-intier taghhom mill-konvenut; filwaqt li l-attrici qed tigi ezentata minn kwalsiasi obbligu fil-konfront ta’ dan id-dejn.

Illi d-dejn li hemm mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, u dak pendenti ma’ l-Enemalta/Water Services Corporation, ghandhom jigu sopporati mill-partijiet f’ishma wgwali; salv ghall-ammont bilancjali tal-kontijiet tad-dawl u ilma li kien jirrizulta fil-perijodu bejn 4 ta’ Marzu 2005, u l-31 ta’ Awwissu 2005 ammontanti ghal circa LM403.47c, illum €940, liema ammont ghandu jithallas mill-attrici; filwaqt li kull bilanc sussegwenti, sa llum ghandu jithallas miz-zewg

partijiet ugwalment. Il-kontijiet rigwardanti l-konsum uzat wara d-data tallum ghandhom jithallsu mill-attrici fl-intier taghhom, stante li permezz tal-gudizzju odjern l-attrici giet awtorizzata tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzzjoni tal-konvenut.

*Proprjeta' Parafernali*

In propozitu jigi osservat li hadd mill-partijiet ma ssostanzja l-allegazzjonijiet tieghu, u ghalhekk il-pretensjonijiet taghhom dwar dan il-kap ma jistghux jreggu.

Illi in fine il-Qorti taqbel mal-perit legali li d-dewmien f' dan il-kaz kien dovut ghal pika esagerata u assurda bejn il-partijiet.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba, fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, b' tortijiet imputabbli liz-zewg partijiet, u dan b' effett mill-1 ta' Lulju 2001;

[2] tichad it-tieni talba, stante li l-attrici tahdem u kapaci tmantni lilha nnifisha, kif ukoll peress li llum il-gurnata it-tfal tal-partijiet huma maggjorenni;

[3] tilqa' t-tielet talba;

[4] tilqa' r-raba' talba fis-sens li tapplika fil-konfront tal-konvenut l-artikolu 48 fl-intier tieghu, filwaqt li fil-konfront ta' l-attrici tapplika l-istess artikolu limitatament ghal paragrafi [a][b] u [c];

[5] tilqa' il-hames talba, u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett mid-data precitata, u tillikwidaha u tassenjha kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';

[6] tichad is-sitt talba, stante li ma ngabux provi sodisfacenti f'dan ir-rigward;

[7] tilqa' is-seba' talba limitatament kif fuq indikat that is-sezzjoni 'Komunjoni ta' l-Akkwisti' u tawtorizza lill-attrici tibqa' tirrisjedi fid-dar matrimonjali, ad eskluzjoni tal-konvenut, ghal perijodu ta' sena millum; wara liema perijodu hija qed tigi ordnata li tivvaka l-imsemmi fond.

L-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-espert Mario Cassar, ghandhom jigu sopportati wgwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------